MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Numru. 6/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Vs**

**Mark Scerri ta' 23 sena mwieled Pieta fl-1 ta' April 1977, bin Joseph u Maria Rosaria xebba Thomas u joqghod 'Redentur' Triq il-Qaliet Marsascala u bin-numru tal-identita 178977M.**

**Illum 27 ta' Ottubru, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat u cioe` talli fi Triq Hal Dejf Naxxar f'xi hin filghodu nhar l-14 ta' Dicembru 2000 kkommetta serq ta' oggetti ghad-dannu ta' Simone Bezzina w liema serq u aggravate bil-valur liema valur huwa ta iktar minn mitt (Lm100) lira maltin izda inqas minn

elf (Lm1000) lira maltin, mezz u bix-xoirta tal-haga misruqa w dan kollu bi ksur tal-artikoli 263, 267, w 271 tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta

Akkuzat talli f’dawn l-ahhar zmenijiet f’dawn il-gzejjer xjentament laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat u cioe serq, u xjentament b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom. U dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Aktar talli fl-istess hin lok u cirkostanzi saq LEK385 b’manjiera perikoluza u bla kont.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bil-proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat ukoll illi huwa kien irregistra htija fil-konfront ta’ l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu u cioe dik ta’ serq.

Illi fuq tali ammissjoni l-Qorti hatret lil Marietta Lanzon biex taghmel pre-sentencing report.

Illi fil-mori ta’ din il-kawza fil-fatt gew redatti zewg pre-sentencing reports minn Marietta Lanzon, dan ghaliex aktar tard gie anke nvolut psikjatra Dr. Anton Grech.

Illi huwa relevanti dak li kkonkluda Dr. Anton Grech fil-konfront ta’ Mark Scerri u cioe li hu jbati minn zewg kundizzjonijiet dik ta’ Addiction tal-Eroina u Depression. Dak iz-zmien xehed ukoll anzi kkonkluda li d-Depression kienet ‘under control’ pero l-problema ta’ Eroina kienet ghada mhux kontrollata.

Illi pero jirrizulta wkoll anke certu nuqqas ta’ liaison bejn dik li ghandha tkun kura ghall-abbuz tad-droga u kura ghal deperession in kwantu jidher anzi jirrizulta li minn naha ta’

l-Agenzija Caritas naqsu minn naha taghhom il-medicina ghall-kundizzjoni psikjatrika li minnha u afflitt Mark Scerri.

Fil-fatt mill-karellata tax-xhieda li ttellghu (maggorament Marietta Lanzon u raprezentanti ta' Agenziji) jirrizulta illi jkun idoneju illi Mark Scerri jircievi kura konguntiva ghad-depression u d-drug addiction.

Illi jigi relevant ukoll illi ghalkemm din il-kawza kienet ammessa 'n parte (akkuza ta' serq) u minn zmien ilu, din il-kawza ttawlet biex jigi segwit il-progress li kien qe jaghmel l-akkuzat fil-konfront tal-programm kontra l-abbuz tad-droga.

Illi fil-fatt mill-process jirrizulta illi Mark Scerri nghata diversi appuntamenti biex johrog mill-problema tad-droga pero minn dejjem anzi ftit gharaf jiehu l-vantagg taghhom. Tant li mghoti tant opportunitajiet huwa xorta mmarka posittiv ghad-droga cannabis.

Oltre hekk, bla ma l-Qorti trid titfa xi htijiet ulterjuri fuq l-akkuzat, anke spicca mressaq il-qorti ghal xi ragunijiet ohra.

Ikkonsidrat,

Illi fil-konfront ta' l-akkuza l-ohra mhix ammessa, l-Qorti semghet ix-xhud id-derubata Simone Bezzina. Din xehdet fuq is-serq, gia ammess, xehdet ukoll illi l-akkuzat darba skopert fl-azzjoni ta' serq, startja l-karozza, werzaq ir-roti right through minn gos-side street ghal gol-main road. Tghid ukoll li kienhemm mara li ghal ftit ma gietx imtajjara mill-akkuzat.

Dwar is-sewqan in kontro ezami qalet hekk "It-triq tan-Naxxar hdejn l-Ghassa u dik hija Main Road u hareg b'mod eccessiv u hareg minn stop sign u kien qed isuq bl-addocc gas down" (a fol. 15).

Illi tenut kont ta' l-ammissjoni ta' l-akkuza ta' serq, tenut kont ta' dak li xehdet Bezzina, il-Qorti qed issibu hati ta' l-ewwel u t-tielet akkuza wara li rat l-artikoli 263, 267, 271,

279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qed tilliberah mill-akkuza ta' ricettazzjoni.

Dwar il-piena l-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar il-fatt li Mark Scerri nghata diversi opportunitajiet biex johrog mill-problema tad-droga. Fil-fatt a skapitu ta'l-erarrju publiku hu beda u qatt ma spicca b'success kull program li ttanta jaghmel ghajr jidher ghal dan l-ahhar attentat mill-agenzija Santa Marija.

Jidher ukoll illi l-andament ta' Mark Scerri huwa anke determinat mill-problemi psikjatrici li hu afflitt bihom u li taghhom mhux dejjem ha u nghata l-kura.

Pero qisu dan l-ahhar Mark Scerri anke ghax hem mil-possibilita li din il-kawza fl-ahhar waslet ghas-sentenza, jew minhabba biza ta' piena karcerarja jew ghax verament motivat ta spinta fil-posittiv.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda wara li anke rat il-Fedina Penali tikkundannahy ghal piena karcerarja ta' sentejn habs sospizi ghal erba snin wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  Jigi sottolineat ili din il-Qorti tghat din il-piena wara li rat il-Fedina Penali ta' l-akkuzat kif aggornata u rat li minn fuq l-istess jidher illi hu din l-istess sena gie kkundannat ghal piena karcerarja, pero f'dan ir-rigward ma giet esebita ebda sentenza u ma saret ebda prova ta' identifikazzjoni allura mhux prekluza l-applikabilita ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba r-recidiva.

Qeghda wkoll torna illi l-akkuzat jigi skwalifikat milli jkollu jew izomm licenja tas-sewqan ghal tlett xhur mill-lum.

Qeghda wkoll ai termini tal-artikolu 28G tqeghdu taht ordni ta' supervizjoni ghal zmien sentejn mill-lum u qeghda tahtar ghal dan l-iskop l-ufficjal sorveljanti Marietta Lanzon.

B'dan illi Mark Scerri ghandu jobdi kull direttiva lilu moghtija minn l-ufficjal sorveljanti fejn si tratta xi direzzjoni konnessa mal-vizzju ta' abbuz ta' droga anke jekk dan jinhtieg jew jkun il-kaz illi huwa jkollu jerga jibda u jkompli b'success program f'dan ir-rigward.

Ghandu wkoll jirrimetti ruhu ghal dawk ir-random urine tests lilu mitlub, kull meta hekk jigi mitlub. Jekk huwa jonqos almenu darba ghal xi appuntament tordna l-Qorti li hi tigi avzata mmedjatament.

Huwa ghandu wkoll jobdi dawk id-direttivi tal-Ufficjal Sorveljanti in kwantu hija necessarja ghalih kwalunkwe ghajnuna psikjatrika u/jew psikologika.

Huwa ghalhekk imperattiv li l-Ufficjal Sorveljanti zzomm kuntatt mal-psikjatra li taht il-kura tieghu jkun Mark Scerri. Fin-nuqqas ta' tali ghandha tavza lill-Qorti b'dan biex hekk jkun il-bzonn jinhatar perit psikjatriku.

Mark Scerri ghanu jobdi wkoll dawk id-direttivi lilu moghtija fil-konfront ta' sejbin ta' impjieg.

L-Ufficjal Sorveljanti ghandha taghmel rapport bil-miktub kull tmien gimghat dwar l-andament ta' l-akkuzat f'din u matul din is-Supervizjoni.

Mark Scerri ghandu javz ukoll l-Ufficjal Sorveljanti b'kull bdil ta' indirizz li huwa Redentur, Triq il-Qaliet, Marsascala.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------